**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**MAĠISTRAT DR. NADIA H. VELLA**
**B.A., LL.D., Dip. Trib. Eccl. Melit.**

Seduta ta' nhar is-7 ta' Ottubru 2024

Avviż Numru: 179/2022NHV

**Oscar Delia**
(K.I.229952M)

**vs**

**Mario Calleja**
(K.I.725958M)

Il-Qorti

Rat l-**Avviż** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fil-11 ta' Awwissu 2022[1], li permezz tiegħu, ir-rikorrent talab il-ħlas ta' danni sofferti minnu b'riżultat tax-xogħol ħażin u mhux skont is-sengħa u l-arti li l-intimat għamel fil-proprjetà tar-rikorrent, liema xogħol kien jinkludi twaħħil tal-madum fost l-oħrajn. Illi x-xogħol li għamel l-intimat jirriżulta li huwa karenti u difettuż, u dan kif ssr jiġi pruvat waqt is-smigħ tal-kawża, tant li l-madum kollu ser ikollu jinqala' u jerġa' jsir mill-ġdid, bi ħsara kbira għar-rikorrent.

[1] Fol. 1 tal-proċess;

Ġie dikjarat mir-rikorrent li t-talba tiegħu ġiet limitata għall-kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti, u li għalhekk, kwalunkwe danni likwidati mhux ser jeċċedu s-somma ta' ħmistax-il elf Ewro (€15,000).

Ġew mitluba wkoll l-ispejjeż, u l-imgħax legali mid-data tan-notifika tal-ittra uffiċċjali numru 1435/2022, kontra l-intimat, inġunt in subizzjoni.

Rat li b'digriet tat-30 ta' Awwissu 2022, din il-Qorti kif diversament presjeduta, appuntat is-smigħ għas-seduta tal-24 ta' Ottubru 2022.

Rat li mill-atti jirriżulta li l-intimat ġie debitament notifikat bl-avviż, kif ukoll bl-avviż tas-smigħ.

Rat ir-**Risposta** tal- intimat, ippreżentata nhar is-07 ta' Ottubru 2022[2], li permezz tagħha laqgħet għat-talbiet billi eċċepiet li:

1. Fl-ewwel lok, kull xogħol magħmul mill-esponenti dejjem sar skont is-sengħa u l-arti, bil-grad ta' utilità rikjest mil-Liġi u taħt l-istruzzjonijiet tar-rikorrenti;
2. Fit-tieni lok, u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjoni preċedenti, jekk jirriżulta illi verament hemm xi nuqqasijiet fix-xogħol magħmul mill-esponenti, tali nuqqas huwa da parte tar-rikorrenti u dan hekk kif se jirriżulta mill-provi;
3. Mill-bqija t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati kemm fil-fatt u fid-dritt;
4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet tal-Qorti tal-24 ta' Ottubru 2022[3], li permezz tiegħu, wara li eżaminat prima facie ċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li semgħet lill-partijiet, u rat l-Artikolu 171A(a) tal-Kapitolu12 tal-Liġijiet ta' Malta, qieset li m' hemmx raġuni sabiex din il-kwistjoni tiġi riferuta għall-medjazzjoni u ordnat il-prosegwiment tal-kawża.

Rat l-**assenjazzjoni** tal-kawżi u d-doveri ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li daħlu fis-seħħ nhar id-19 ta' Frar 2024, illi permezz tagħha din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta.

[2] Fol. 7 tal-proċess;
[3] fol. 9 tal-proċess;

Rat il-**provi** kollha mressqa mir-rikorrent fosthom:

ix-xhieda tar-rikorrent stess **Oscar Delia** li xehed permezz ta' affidavit[4], fejn stqarr li kien talab lill-intimat jagħmel xogħol ta' twaħħil ta' madum fir-residenza tiegħu, iżda ma kienx sodisfatt bix-xogħol li sar u lmenta li l-ispazju bejn il-madum ma kienx wieħed uniformi u li kien hemm ċertu madum li ġie mwaħħal b'mod imtarraġ. Għalhekk talab lil Perit Joseph Zammit biex jikkonstata jekk ix-xogħol kienx effettivament sar skont is-sengħa u l-arti. Ir-rikorrent indika li kellu jaqla' l-madum kollu, jerġa' jixtri l-madum u jqabbad lil terz biex jerġa' jagħmel ix-xogħol meħtieġ, u li eventwalment il-Perit Zammit iddikjara li dan ix-xogħol rimedjali sar skont is-sengħa u l-arti. Ir-rikorrent ippreżenta diversi Sales Delivery Notes, Sales Invoices, u Sales Order in sostenn tal-pożizzjoni tiegħu. Huwa nefaq €5455.98 fil-madum oriġinali[5], €5599 fit-tieni sett ta' madum[6], €339.84 tqattigħ ta' madum ġewwa skirting[7], €500 prezz tat-tneħħija tal-madum li weħħel l-intimat, €1638 għat-twaħħil tal-madum mill-ġdid u €226 għall-materjal[8];

ix-xiehda tal-**Perit Joseph Zammit** permezz ta' affidavit[9], u ppreżenta żewġ rapporti peritali rigward xogħol ta' tqegħid ta' madum fil-fond residenza tar-rikorrent, fejn fl-ewwel rapport jgħid li kien jirrelata max-xogħol eżegwit mill-intimat, il-Perit jistqarr li huwa għamel dan ir-rapport wara li l-intimat lesta x-xogħol u nnota d-distanzi differenti bejn il-madum, li kien hemm madum aktar għoli minn ieħor, kulur differenti tal-grouting, u li l-art ta' taħt il-madum ma ġietx illivellata qabel ma tpoġġa l-madum. Ix-xhud indika li t-tieni rapport kien jirrelata x-xogħol li sar minn Mark Magro fejn neħħa l-madum u l-adesiv li kien hemm, l-art ġiet illivellata u tpoġġa l-madum u ddikjara li x-xogħol kien impoġġi tajjeb.

ix-xiehda ta' **Mark Magro** viva voce[10], fejn stqarr li huwa jwaħħal il-madum u li kien mitlub mir-rikorrent biex jaċċedi fil-fond residenza tiegħu u jgħid li ra l-madum li kien hemm ma kienx imwaħħal sew. Meta ċċekkjah bir-rigla, kien ivarja ħafna "baħar kien", u kellu jsir xogħol riparatorju billi jinqala' l-madum, tiġi livellata l-art, u jitqiegħed il-madum il-ġdid. Ikkonferma l-kont tiegħu[11] u li tħallas għalih.

---

[4] Fol. 12 sa 22 tal-proċess;
[5] Dok. OD1, fol. 14;
[6] Dok. OD2, fol. 17;
[7] Dok. OD3, fol. 19;
[8] Dok. OD4, fol. 20;
[9] Fol. 23 sa 37 tal-proċess (li jinkludi wkoll żewġ rapporti tal-Perit Zammit);
[10] Fol. 39 sa 44 tal-proċess;
[11] Fol. 20 tal-proċess;

Rat li r-rikorrent iddikjara li għalaq il-provi fis-seduta miżmuma nhar it-03 ta' Mejju 2023[12].

Rat il-provi kollha mressqa mill-intimat fosthom:

ix-xiehda ta' **Mario Calleja**, l-intimat innifsu, permezz ta' affidavit[13], fejn stqarr li huwa għamel xogħol ta' tqegħid ta' madum fir-residenza tar-rikorrent, u jinsisti li minkejja li talab lir-rikorrent biex isir self levelling concrete kien ir-rikorrent li oppona minħabba li dan kellu prezz għoli. Huwa nduna li l-konkrit ta' taħt il-madum kien rough u mhux invellat. Jindika l-prezz tax-xogħol li kien ftiehem dwaru mar-rikorrent. Spjega li huwa uża ħafna levelling strips, u li r-rikorrent kien ikun preżenti waqt ix-xogħol u jgħid li qatt ma oġġezzjona dwar ix-xogħol. Jindika li r-rikorrent kellu jixtri aktar madum liema madum inzerta li kien ivarja fil-kulur u fid-daqs; jgħid ukoll li anke l-grouting li ġie pprovdut mir-rikorrent ma kienx l-istess u kien ġibidlu l-attenzjoni. Fix-xiehda tiegħu insista li l-iskirting kien użat u li kellhom jużaw lilu.

ix-xiehda ta' **Cedric Bugeja** permezz ta' affidavit[14] fejn stqarr li huwa assista lill-intimat fix-xogħol tat-tqegħid tal-madum li sar fir-residenza tar-rikorrent, fejn minkejja li ġibdulu l-attenzjoni li kellu jsir self-levelling concrete, ir-rikorrent għażel li jitlob lill-intimat jagħmel ix-xogħol mingħajr dan is-self levelling concrete u li jagħmel l-aħjar li jista' fiċ-ċirkostanzi. Jgħid li kellhom iħaxxnu l-kolla biex iwaħħlu l-madum peress li l-madum li kien hemm qabel ukoll ma kienx livell. Indika li l-madum huwa ta' daqs kbir u għalhekk kellhom jużaw levelling straps biex jippruvaw jillivellawh. Jgħid lir-rikorrent kellu jixtri aktar madum, liema madum ma kienx tal-istess daqs u li r-rikorrent kien tahom struzzjonijiet sabiex dak il-madum iwaħħluh f'postijiet differenti sabiex jintilfu d-difetti fil-madum. Jispega li l-iskirting li kien tahom ir-rikorrent ma kienx ġdid, u li l-grouting li tahom ir-rikorrent ukoll ma kienx issiġillat.

In kontro-eżami[15], ir-rikorrent ikkonferma li l-intimat issuġġerixxa li jsir self-levelling concrete, iżda hu m'aċċettax, u li l-intimat kien qal li se 'jirrenġa'[16]. Jgħid li kien xtara xi grouting hu stess. Jgħid li hu kien ressaq l-ilmenti tiegħu fuq ix-xogħol mal-intimat waqt li kien qiegħed jagħmel ix-xogħol u anke d-diżlivelli fil-madum u li r-rikorrent ma kien għamel ebda xogħol riparatorju. Jgħid li kien ħallas lill-intimat kif miftiehem iżda

---

[12] Fol. 38 tal-proċess;
[13] Fol. 48 u 49 tal-proċess;
[14] Fol. 50 u 51 tal-proċess;
[15] Fol. 57 sa 67 tal-proċess;
[16] Fol. 60 tal-proċess;

x-xogħol ma kienx kif kellu jkun[17]. Ikkonferma li kien hemm madum li xtara iktar tard li kien differenti fid-daqs u fil-“coat” u li talab li Mario biex ipoġġihom fit-truf sabiex ma jkuns hemm problemi.

Ix-xhud Mark Magro xehed in kontro-eżami[18] fejn ikkonferma li mar fir-residenza tar-rikorrent fejn ra x-xogħol tal-madum u li kien qal lir-rikorrent li tant kien sar ħażin it-tqegħid tal-madum li l-unika mezz kif jitrenġa kien li r-rikorrent jaqla’ l-madum kollu. Spjega kif huwa għamel ix-xogħol u li ma ntużax self-levelling concrete.

Illi l-intimat xehed ulterjorament[19] fejn ikkonferma li sab diskrepanzi kbar fil-livelli tal-art u li kien informa lir-rikorrent b’dan qabel ma beda x-xogħol, u li minkejja li ssuġġerixxa li jsir self-levelling concrete ir-rikorrent m’aċċettax, u li hu qiegħed il-madum xorta u li kien se jipprova jindirizzaha.[20] Jinsisti li l-prezz għal kull metru kwadru li ħallsu ir-rikorrent kien inqas mill-prezz għal kull metru kwadru li kien tħallas it-terza persuna li għamlet ix-xogħol warajh, Il- prezz tal-intimat ma kienx jinkludi wkoll is-sub-floor.

Illi l-Perit Zammit xehed in kontro-eżami[21] u kkonferma li mar fil-fond wara li lesta x-xogħol l-intimat, u li ra diżlivell bejn il-madum.

Rat li l-intimat ddikjara li għalaq il-provi fis-seduta miżmuma nhar is-17 ta’ Mejju 2024.[22]

Semgħet is-sottomissjonijiet orali tal-abbli difensuri tal-partijiet fis-seduta miżmuma nhar l-10 ta’ Lulju 2024.[23]

Rat in-nota ta’ referenza ppreżentata mir-rikorrent.[24]

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

---

[17] Fol. 64 tal-proċess - *‘fil-fatt qalli ħares 100 percent m’huwiex tajjeb qalli imma 80 percent huwa tajjeb. Għidtlu jiena ħallastek ta 100 percent biex ikolli xogħol sewwa mhux ta’ 80 percent’*

[18] Fol. 92 sa 97 tal-proċess;

[19] Fol. 98 sa 100 tal-proċess;

[20] Fol. 100 tal-proċess - *‘nagħmel dak kollu li jista’ jagħmel biex ix-xogħol ma jiġix daqshekk ikrah.’*

[21] Fol. 84 sa 91 tal-proċess –

[22] Fol. 83 tal-proċess;

[23] Fol. 126 tal-proċess;

[24] Fol. 102 tal-proċess;

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi din il-kawża titratta  talba għal ħlas ta' danni sofferti mir-rikorrenti minħabba xogħol li ma sarx skont is-sengħa u l-arti da parti tal-intimat.

Iin suċċint irriżulta li l-intimat għamel xogħol ta' tqegħid ta' madum fir-residenza tar-rikorrent fuq talba tar-rikorrent, u r-rikorrent ma kienx kuntent bil-livell tax-xogħol kif eżegwit, talab Perit biex jirrediġi rapport dwar dan u r-rapport peritali jindika li x-xogħol ma sarx kif titlob is-sengħa u l-arti. L-intimat laqa' billi straħ fuq il-fatt li minkejja li l-art fejn huwa kelu iqiegħed il-madum ma kinitx livellata, kien ir-rikorrent stess li m'aċċettax li jsir is-self levelling concrete peress li kienu se jiżdiedu l-ispejjeż.

L-Artikolu 1038 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi li:
"*Kull min mingħajr ma jkollu l-ħila meħtieġa jindaħal għal xogħol jew servizz, hu obbligat għall-ħsara li, minħabba n-nuqqas ta' ħila tiegħu, jikkaġuna lil ħaddieħor.*"

Għalhekk il-Qorti se tgħaddi biex tevalwa jekk id-danni li qiegħed jippretendi r-rimborż tagħhom ir-rikorrent seħħewx minħabba nuqqas ta' ħila tal-intimat.

Illi huwa r-rikorrent li jrid jipprova l-fatti minnu premessi sal-grad ta' prova rikjest fil-kamp ċivili fuq bilanċ ta' probabilitajiet.

Il-Qorti tal-Appell Inferjuri fis-17 ta' Marzu 2003, fis-sentenza fl-ismijiet Enrico Camilleri vs. Martin Borg[25] tipprovdi:

> *"…kif paċifikament akkolt fil-ġurisprudenza tagħna l-ġudikant, fil-kamp ċivili, għandu jiddeċiedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinduċu fih dik iċ-ċertezza morali li kull tribunal għandu jfittex, u mhux fuq sempliċi possibilitajiet; imma dik iċ-ċertezza morali hija biżżejjed, bħala li hija bażata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet".*

Għalhekk, il-Qorti hija tenuta li tgħarbel l-verżjonijiet lilha prodotti biex tasal għal konklużjoni jekk waħda minnhom teskludiex, twaqqax lill-oħra fuq bilanċ ta' probabbilitajiet.

Issir riferenza għax-xiehda tal-Perit Zammit, li huwa Perit ex parti, li ressaq ukoll żewġ rapporti tiegħu, l-ewwel ta' dak illi  kkonstata meta mar fil-fond u ra x-xogħol li għamel l-intimat u t-tieni ta' dak illi kkonstata wara li sar ix-xogħol riparatorju. Issir riferenza wkoll għal dak li jipprovdi s-subartikolu 563A(1) tal-Kapitolu 12 fir-rigward tal-ammissibilità tal-opinjoni ta' espert ex parte. Il-Qorti tosserva li l-intimat min-naħa

[25] Rik. Nru. 478/2000

tiegħu ma kienu ressaq l-ebda prova oġġettiva li tikkontradixxi l-imsemmija rapporti, u lanqas fil-kontro-eżami ma ntweriet xi diverġenza fuq l-opinjoni tal-Perit dwar kif kien sar ix-xogħol kemm inizjali kif ukoll riparatorju, u li fil-fatt kellu jitneħħa u jinbidel ("[…] *the existing flooring will have to be removed and replaced in its entirety*."[26]) il-madum kif impoġġi oriġinarjament biex isir ix-xogħol riparatorju.[27]

Fis-sentenza fl-ismijiet Euro Finances Corporation Limited vs. Fal-Con Limited[28], mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar il-15 ta' Ġunju 2023 intqal:

> "*Tassew, ma hemm xejn fil-liġi milli jżomm lill-qorti milli toqgħod fuq il-fehmiet ta' perit maħtur minn parti. Dan minħabba li hija l-liġi nnifisha li tħalli li, sakemm il-persuna maħtura tkun magħrufa li hija esperta fil-qasam li dwaru turi l-fehmiet tagħha (ara l-Artikolu 563A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta), dawk il-fehmiet jistgħu jitressqu għaliex ma jibqgħux biss argument, iżda jsiru fonti oġġettivi ta' prova (ara Middlesea Insurance p.l.c. noe v. Joseph Zaffarese deċiża mill-Qorti tal-Appell (Ġurisdizzjoni Inferjuri) fid-29 ta' Mejju, 2009 u Rosario De Luca Gennaro et v. Perit David Psaila et noe, mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-14 ta' Frar, 2013).*"

Il-Qorti tirreferi wkoll għal dak iċċitat mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet Rita Vella vs Polidano Brothers Limited et[29],) ta' nhar it-8 ta' Ġunju 2016:

> "*Qabel xejn il-Qorti tissottolinea l-prinċipji rassodati fil-ġurisprudenza fosthom fil-każ Maria Xuereb et vs TBS Services Limited deċiża fl-20 t'Ottubru 2003:*
> *"Issa hu veru li d-danneġġjat għandu d-dmir li jagħmel dak kollu raġjonevoli biex inaqqas il-ħsara u jimmitiga t-telf li jkun ġarrab bhala konsegwenza tal-att illeċitu ta' min ikkaġuna l-ħsara (Vol XXXVIII pI p249; Vol XL pI p653). Il-kwestjoni ta' x'inhu raġjonevoli li jagħmel id-danneġġjat biex itaffi l-ħsara hi, pero`, kwestjoni ta' fatt li trid tiġi konsiderata fiċ-ċirkostanzi ta' kull każ partikolari. L-oneru tal-prova f'dan ir-rigward speċifiku jaqa' fuq il-konvenut. Inoltre, irid jiġi sottolineat ukoll illi ma teżisti l-ebda regola daqstant assoluta jew inflessibbli illi biex il-kondotta tad-danneġġjat titqies raġjonevoli dan għandu bilfors u dejjem jikkonsentixxi jew jippermetti lid-danneġġjant*

[26] Fol. 27 tal-proċess;
[27] Ara sentenza tal-Qorti tal-Appell Ċivili Numru 289/2019/LC, deċiża 26 ta' Ġunju, 2024, fl-ismijiet Helen Zerafa et. vs. Beatrice Peresso et.
[28] Rikors Ġuramentat Numru: 132/2008;
[29] Rikors Numru 144/12/MH;

*isewwielu d-danni, inkella, jekk ma jagħmilx dan, jitlef id-dritt tiegħu għar-riżarċiment tal-istess danni.*

*Jibqa' fuq kollox il-prinċipju ġenerali regolanti materji ta' riżarċiment ta' danni, bħal preżenti, li d-danneġġjat għandu dritt jikkonsegwixxi riżarċiment li jirrientegra l-patrimonju tiegħu minn kull konsegwenza ekonomika tal-event dannuż. Li jfisser li dan l-istess riżarċiment jista' jikkonsisti f'somma li tekwipara l-valur ta' l-utilitjiet mitlufa.*"

Din il-Qorti tilqa' wkoll l-insenjament tal-Qorti tal-Appell Inferjuri fejn fis-sentenza Raymond Borg et vs. Hal Mann Limited[30] għamlet tagħha s-segwenti tagħlim:

*"(i) "L'imprenditore ha l'obbligo di eseguire bene l'opera commessagli, secondo i dettami dell'arte sua, e deve prestare almeno una capacita` ordinaria" (Vol XXVII pI p374).*
*(ii) "L-artefiċi għandu jiggarantixxi l-bonta tax-xogħol tiegħu; u din il-garanzija hija impliċita. Huwa tenut anki għall-kolpa ljevi" (Vol XL pI p485).*
*(iii) "L-appaltatur għandu jeżegwixxi x-xogħol lilu kommess fis-sens li huwa għandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xogħol ikun sejjer isir utilment u mhux b'mod li l quddiem juri difetti. F'każ bħal dan hu għandu mill-ewwel ma jagħmilx ix-xogħol jew ikollu jirrispondi għad-difetti li jiġu 'il quddiem" – "Mario Blackman –vs- Carmelo Farrugia et noe", Appell Kummerċjali, 27 ta' Marzu 1972."*

**Riżultanzi**

Il-Qorti għaldaqstant tqis li rriżulta mill-provi prodotti li x-xogħol imwettaq mill-intimat ma sarx kif jeħtieġu s-sengħa u l-arti. Ladarba huwa rriskontra d-diversi difetti minnu lamentati qabel ma beda x-xogħol, kellu l-obbligu li qabel iwaħħal il-madum jirratifika tali difetti fil-livelli tas-sottosuol u dana sabiex xogħolu jkun tal-kwalità mistennija. Ossia kellu l-għażla li jirrifjuta li jagħmel ix-xogħol kemm-il draba r-rakkomandazzjonijiet tiegħu kienu qegħdin jiġu riġettati mir-rikorrent.

Għalhekk il-Qorti ser tgħaddi sabiex tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrent.

Ir-rikorrent ħalla f'idejn din il-Qorti sabiex tasal għall-valur u tillikwida d-danni sofferti minnu, u a bażi tal-provi tal-prodotti, irriżulta li:

[30] Per Imħallef Onor. Philip Sciberras atl-20 ta' Ottubru 2003, Appell Ċivili Numru 34/1999/1;

- Ir-rikorrent kien kostrett jidħol fi spiża addizzjonali ta' **€5,400** biex reġa xtara l-istess kwantità ta' madum tal-istess għamla[31]. Kemm il_perit kif ukoll l-appaltatur il-ġdid ikkonfermaw illi l-madum li twaħħal mill-intimat bilfors kellu jinqala' sabiex jitwaħħal mill-ġdid, u ladarba jinqala dan jinkiser;

- Ma ġietx ikkontestat dak li ntqal mill-intimat u minn Cedric Bugeja li l-iskirting li kienu waħħlu ma kienx ġdid, u effettivament ma nġabet l-ebda prova li kien hemm spejjeż ta' tqattiegħ ta' skirting fi żmien li sar ix-xogħol mill-intimat. Kwindi l-intimat m'għandux iħallas għal dan l-iskirting ġdid li rrimpjazza skirting antik;

- Il-prezz tax-xogħol riparatorju u ċioe' €18 għal kull metru kwadru kien iktar mill-prezz imħallas lill-intimat ta' €13 għal kull metru kwadru. Il-Qorti ser tillwida l-valur tax-xogħol għab-bażi tal-prezz ta' €13 għal kull metru kwadru peress li rriżulta li l-prezz awmentat kien jinkludi xogħol addizzjonali ta' subfloor, liema subfloor kellha ssir mhux għal raġunijiet imputabbli lill-intimat. Stante li mir-rapport Peritali rriżulta li l-metraġġ huwa ta' 86 metru kwadru,[32] is-somma għat-tqegħid tal-madum se tiġi likwidata għal **€1118**;

- Sabiex sar ix-xogħol riparatorju, tneħħa l-madum li kien tqiegħed mill-intimat u dan ix-xogħol sewa €500 għalhekk il-Qorti qiegħda tillikwida d-danni sabiex sar dan ix-xogħol għal **€500**;[33]

- B'hekk l-ammont totali ta' danni sofferti mir-rikorrent jirrisali għas-somma globali ta' sebat'elef u tmintax-il ewro (€7018).

<u>L-Imgħax</u>

Dwar it-talba li l-imgħax jiġi kkalkolat mid-data tan-notifika tal-ittra uffiċċjali, din il-Qorti tirreferi għal dak li pprovdiet il-Qorti tal-Appell fuq dan: "*Dwar id-data minn meta jibdew jiġu komputati l-imgħaxijiet ftit hemm xi tgħid. Hija massima tal-liġi li in illiquidis non fit mora u gialadarba t-talba fiċ-ċitazzjoni kienet għal somma da liquidarsi kienet korretta l-ewwel Qorti li takkorda imgħax mid-data meta l-istess danni ġew determinati.*"[34]

---

31 Fol. 17 tal-proċess;
32 Fol. 26 tal-proċess;
33 fol. 20 tal-proċess;
34 Qorti tal-Appell Ċivili Numru 233/1991, deċiża 25 ta' Settembru 2006, fl-ismijiet <u>Alfred Farrugia vs. Mary Rose Meli</u>;

Għalhekk din il-Qorti mhux se tilqa' t-talba kif magħmula li l-imgħax għandu jiġu kkalkolat mid-data tal-ittra uffiċċjali.

**Deċide**

Għaldaqstant, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrent safejn huma kompatibbli mas-segwenti, tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrent fis-somma ta' sebat'elef u tmintax-il ewro (€7018) u tordna lill-intimat iħallas lir-rikorrent is-somma hekk likwidata ta' **sebat'elef u tmintax-il ewro (€7018)**, bl-imgħax dekorribbli mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv.

L-ispejjeż, inkluż dawk tal-ittra uffiċċjali fl-ismijiet premessi u nnumerata 1435/2022, huma a karigu tal-intimat.

**Dr. Nadia H. Vella**
Maġistrat

**Naomi Bonello**
Deputat Reġistratur